MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 1658/1998/1

**Paul Pullicino**

**vs**

**George u Victoria konjugi Camilleri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi l-konvenuti huma debituri ta' l-attur;

Illi l-konvenuti intrabtu li jhallsu d-dejn taghhom ma' l-attur permezz ta' kambjali minnhom accettati u skaduti; u

Illi l-konvenuti naqsu li jhallsu hamsa u ghoxrin (25) kambjala ta' tnejn u erbghin lira maltija (Lm42) kull wahda, skaduti fl-1 ta' Frar, 1996, fl-1 ta' April 1996, fl-1 ta' Mejju, 1996, fl-1 ta' Gunju 1996, fl-1 ta' Lulju 1996, fl-1 ta' Awissu 1996, fl-1 ta' Settembru 1996, fl-1 ta' Ottubru 1996, fl-1 ta' Novembru 1996, fl-1 ta' Dicembru 1996, fl-1 ta' Jannar 1997, fl-1 ta' Frar, 1997, fl-1 ta' April 1997, fl-1 ta' Mejju, 1997, fl-1 ta' Gunju 1997, fl-1 ta' Lulju 1997, fl-1 ta' Awissu 1997, fl-1 ta' Settembru 1997, fl-1 ta' Ottubru 1997, fl-1 ta' Novembru 1997, fl-1 ta' Dicembru 1997, fl-1 ta' Jannar 1998, fl-1 ta' Frar 1998, hawn annessi u mmarkati dokument A sa Y; u

Illi l-bilanc totali dovut mill-konvenuti huwa ta' elf u hamsin liri maltin (Lm1050); u

Illi l-konvenuti, ghalkemm interpellati diversi drabi biex ihallsu d-dejn taghhom versu l-attur, baqghu inadempjenti; u

Illi l-ammont mitlub mill-attur huwa veru, likwidu u cert u, fil-fehma ta' l-attur, il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet validi x'jopponu kontra t-talba attrici;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u

(2) konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elf u hamsin lira Maltin (Lm1,050) import ta' hamsa u ghoxrin (25) kambjala accettati mill-kovenuti u skaduti fid-dati fuq imsemmija li l-konvenuti naqsu li jhallsu;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-15 ta' Mejju, 1998, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' l-

iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Victoria Camilleri fejn gie eccepit :-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Illi l-konvenut Victoria Camilleri separat legalment mill-konvenut George Camilleri fl-10 ta' Novembru, 1998, b'kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fl-istess kuntratt ta' l-10 ta' Novembru 1998, il-konvenut George Camilleri assuma dan id-debitu;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Victoria Camilleri debitament konfemata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut George Camilleri fejn gie eccepit illi t-talba ta' l-attur ghall-hlas ta' elf u hamsin lira Maltija (Lm1,050) hija nfondata, peress li kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-konvenuti kienu bi ftehim ma' l-attur gew mehlusa mid-dejn;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut George Camilleri debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut George Camilleri fejn gie premess:-

Illi l-esponent u martu Victoria Camilleri kienu akkwistaw minghand l-attur il-vettura tal-marka Fiesta bin-numru T-0310;

Illi b'referenza ghal dan il-bejgh l-attur kien hareg numru ta' kambjali fl-ammont ta' tnejn u erbghin lira Maltija (Lm42) kull wahda;

Illi fis-26 ta' Dicembru 1995 l-esponent kellu incident awtomobilistiku gewwa St. Joseph High Road, Fleur de Lys waqt li kien qieghed isuq din il-vettura;

Illi sussegwentement il-kontendenti kienu ftehmu li l-attur jiehu lura l-vettura u l-konvenuti jigu mehlusa mid-dejn;

Ghalhekk il-konvenut talab li l-attur jghid ghaliex, ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti m'ghandhom l-ebda obligazzjoni li jhallsu xi flejjez rizultanti mill-imsemmija kambjali;

2. Tikkundanna lill-attur sabiex fi zmien qasir u perentorju li tistabilixxi din il-Qorti jirritorna lura lill-konvenuti dawn il-kambjali kollha li ghandu fil-pussess tieghu u li gew iffirmati mill-konvenuti bhala accettanti;

3. Fin-nuqqas tordna kontra l-attur il-hrug ta' mandant in factum sakemm huwa jottempera ruhu ma' l-ordni tal-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-attur li gie ngunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut rigwardanti l-kontro-talba debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn gie eccepit:-

(1) Preliminarjament l-azzjoni attrici hi azzjoni kambjarja u, in linea mal-gurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrali, fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li

jikkontestaw il-validita' formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din fuq il-wicc tkun monka f'xi wahda mill-elementi kostituttivi essenzjali taghha kif trid il-ligi;

(2) Illi, ghalhekk, galadarba l-konvenut George Camilleri ma kkontestax il-validita' formali tal-kambjali Dok. A sa Y, kemm l-eccezzjonijiet kif ukoll ir-rikonvenzjoni konsegwenzjali huma rriti, u skond l-istess gurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrali, mhumiex permessibbli f'azzjoni kambjarja u, konsegwentement, semmai, jekk il-konvenut jidhirlu li ghandu xi pretensjonijiet kontra l-attur ghandu jiddeduci f'kawza separata;

(3) Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhuwiex minnu illi l-attur qatt ftiehem mal-konvenut illi jiehu lura l-vettura u ma jitlobx aktar hlas mill-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur rigwardanti l-eccezzjonijiet tieghu ghar-rigward tal-kontro-talba debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut rigwardanti l-ewwel eccezzjoni tal-attur ghar-rigward tal-kontro-talba tal-istess konvenut;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Mejju 2000 minn fejn jirrizulta li l-konvenuta aderit mal-imsemmija nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur dejjem rigwardanti l-imsemmija l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Lulju 2001;

Rat ir-replika tal-konvenut dejjem dwar l-istess kwestjoni;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu s-somma komplessiva ta' elf u hamsin liri maltin (Lm1,050) import ta' hamsa u ghoxrin (25) kambjala accettati mill-kovenuti u skaduti u li l-konvenuti naqsu li jhallsu. Dawn il-kambjali kienu gew iffirmati in konnessjoni ma bejgh ta’ vettura lill-konvenuti da parti tal-attur;

Il-konvenut George Camilleri eccepixxa li l-konvenuti, bi ftehim mal-attur, gew mehlusa milli jhallsu l-ammont mitlub. L-istess konvenut ghamel kontro-talba fejn ippremetta li l-kontendenti kienu ftehmu li l-attur jiehu lura l-vettura in kwestjoni u l-konvenuti jigu mehlusa mid-dejn. Ghalhekk il-konvenut talab li, fost affarijiet ohra, jigi dikjarat li l-konvenuti m'ghandhom l-ebda obligazzjoni li jhallsu xi flejjez rizultanti mill-imsemmija kambjali u li l-attur jigi kundannat jirritorna lill-konvenuti l-kambjali in kwestjoni;

Ghal din il-kontro-talba l-attur preliminarjament eccepixxa li din hi azzjoni kambjarja u, skond il-gurisprudenza tghana, fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita' formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din fuq il-wicc tkun monka f'xi wahda mill-elementi kostituttivi essenzjali taghha kif trid il-ligi;

Bil-presenti qed tigi deciza l-imsemmija eccezzjoni preliminari tal-attur;

Hu evidenti li l-konvenuti mhux qed jikkontestaw il-validita’ formali tal-kambjali in kwestjoni. Il-konvenut Camilleri qed jallega li bi ftehim li sar bejn il-partijiet wara li gew iffirmati dawn il-kambjali, l-attur heles lill-konvenuti mill-obbligu tal-hlas tal-istess kambjali. Il-kwestjoni ghalhekk li qed tigi sollevata mill-konvenut ma tirrferix ghall-obbligazzjoni li wasslet sabiex jigu iffirmati dawn il-kambjali, izda tirreferi ghall-allegazzjoni li l-obbligu tal-hlas tal-kambjali gie estint in vista ta’ ftehim bejn il-partijiet;

L-obbligi naxxenti mill-kambjala jigu estinti mhux biss bil-hlas tal-ammonti dovuti, izda ukoll tramite modi ohra ta' estinzjoni bhal tpacija u remissjoni tad-debitu. F'dan il-kaz il-konvenut qed jallega li l-obbligu tal-hlas tal-kambjali in kwestjoni m'ghadux jesisti in vista ta' ftehim bejn il-partijiet;

F'dan ir-rigward tista ssir refernza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Kummerc tal-21 ta' Novembru 1940 fil-kawza fl-ismijiet "Edgar Staines nomine vs Henry Trapani" fejn gie stabbilit li f'certu kazijiet eccezzjonijiet personali jistghu jigu sollevati fl-azzjonijiet kambjarji. "Il-kumpensazzjoni, bhala pagament jew il-mahfra totali jew parzjali tal-ammont kambjarju, hija wahda minn dawn l-eccezzjonijiet personali kapaci li jimmodifikaw jew jeskludu, skond il-kazi, l-esercizju tal-istess azzjoni kambjarja." F'dan il-kaz, bhal fil-kaz presenti, il-kambjala ma gietx girata u kienet ghada fil-pussess tal-kreditur kambjarju;

Hu principju li fl-azzjoni kambjarja ma ghandhomx jigu ammessi eccezzjonijiet hekk imsejjhin "personali" li jistghu jtawlu b'mod esagerat il-qtugh tal-istess azzjoni. Hemm pero' eccezzjonijiet ghal dan il-principju u cioe bhala fil-kaz in esami ferjn trid tigi investigata l-allegazzjoni li bi ftehim il-partijiet immodifikaw jew jeskludew l-esercizju tal-azzjoni kambjarja da parti tal-attur;

In vista ta' dan kollu l-eccezzjoni preliminari tal-attur ghal kontro-talba tal-konvenut George Camilleri trid tigi respinta;

Ghal dawn il-motivi:

Tideciedi billi tichad l-eccezzjoni preliminari tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut u tiddiferixxi l-kawza ghal-kontinwazzjoni ghas-seduta tal-

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------